28 ta' Frar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

George Ellul *versus* Giorgio Scerri et.

**Bejgħ ta' Karrozza tal-Mutur — Skrittura — Boll — Nullità — Art. 57 u 60 tal-Kap. 68 — Art. 4 tal-Att XVIII tal-1951**

*Bejgħ ta' karrozza awtomobbli, kif definita fl-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, għandu jsir bil-miktub u jiġi bollat skond il-Liġi tal-Boll. Fin-nuqqas ta' dik il-formalità, dak il-bejgħ ma jiswiex bħala titolu ta' azzjoni f'kawża. U dak il-bejgħ huwa null, "ipso jure" ineżistenti.*

*Konsegwentement, jekk tiġi maqbuda mill-poter tad-debitur karrozza tal-mutur li ma hix tiegħu, u dak li jgħid li hu sidha jagħmel kawża biex jiġi revokat il-mandat ta' qbid minn fuq dik il-karrozza fuq il-motiv li dik il-karrozza hija tiegħu, it-talba tiegħu għandha tiġi respinta jekk tkun bażata fuq il-fatt li l-karrozza huwa kien xtraha, imma fl-istess ħin jirriżulta li kien xtraha mingħajr kitba.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li ppremetta illi b'mandat ta' qbid numru 470/55 spedit minn dina l-Qorti fis-7 ta' Ottubru 1955 ad istanza tal-konvenuti Giorgio, Giovanni u Michele aħwa Scerri, u Giuseppa armla ta' Carmelo Scerri f'isimha proprju u bħala tutriċi ta' uliedha minuri Doris, Alfred, Salvatore u Giuseppe, aħwa Scerri, kontra l-konvenut l-ieħor Nazareno Ellul, ġiet elevata l-motor van "Vauxhall" numru 6305, bil-liċenza f'ismu (ta' l-attur); u li dik il-karrozza awtomobbli hija ta' proprjetà tiegħu; talab li tiġi revokata l-eżekuzzjoni tal-mandat fuq riferit, li in forza tiegħu ġiet elevata l-istess karrozza awtomobbli fuq imsemmija. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mix-xhieda tal-istess attur jirriżulta illi, meta huwa xtara l-karrozza awtomobbli in kwistjoni, motor van "Vauxhall" 6305, ma saretx skrittura (fol. 15 tergo);

Illi skond l-art. 57 tal-Ordinanza dwar it-Taxxa tal-Boll (Kap. 68 Ediz. Riveduta), kif ġie emendat bl-art. 4 tal-Att XVIII tal-1951, kombinat mal-art. 60 tal-istess Ordinanza, in kwantu dan l-artikolu ġie estiż għall-bejgħ ta' karrozzi awtomobbli, kif definiti fl-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 105), għandu jsir bil-miktub, u fin-nuqqas ta' dik il-formalità dak il-bejgħ ma jkunx jiswa bħala titolu ta' azzjoni f'kawża;

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Tagħna, fis-sentenza mogħtija fis-7 ta' Diċembru 1956 fil-kawża "Falzon vs. Tanti", irriteniet li f'dan il-każ trattasi ta' nullità, ta' ineżistenza "ipso jure";

Billi, kif ġa ntqal, il-bejgħ tal-karrozza lill-attur — fuq liema bejgħ l-attur jibbaża l-istanza — sar mingħajr il-formalità tal-iskrittura, u kwindi, skond ir-riferita sentenza tal-Qorti tal-Appell, l-istess bejgħ hu null, "ipso jure" ineżistenti;

Tirrespinġi t-talba tal-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.